MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 988/1995/2

**Francis Grech**

**vs**

**Carmen Ellul**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur fil-21 ta’ Lulju, 1995, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi fit-18 ta’ Jannar 1995 waqt li l-istanti kien rikeb ir-rota go Valletta Road Zurrieq dan safa milqut minn Carmen Ellul li kienet qed issuq il-vettura I – 4834 u rizultat ta’ dan l-istanti sofra diversi danni fosthom li wegga u hu permanentement disabilitat;

Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kienet tahti il-konvenuta minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u inosservazzjoni tar-regolamenti;

Illi dan qed jigi michud;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjaraha responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni li b'rizultat tal-istess sofra l-istanti;
2. Tillikwida d-danni occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
3. Tikkundannaha thallas s-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta;

Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-Ligi kontra l-konvenuta li hi minn issa ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi ghall-incident stradali li sehh fit-18 ta' Jannar 1995 go Valletta Road, Zurrieq, kien jahti unikament l-attur;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet ix-xhieda illi tressqu;

Rat il-provi illi gew prodotti, id-dokumenti illi gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Novembru, 1995, illi permezz tieghu hatret lil Dr. Joseph Ciappara bhala perit legali u lil Mr. Joseph Attard bhala espert mediku biex

jirrelataw dwar it-talbiet attrici wara li jiehdu konjizzjoni tal-eccezzjoniet tal-konvenut;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta’ Novembru 1997, illi permezz tieghu hatret lit-tabib kirurgu Frederick Zammit Maempel, bhala perit mediku ortopediku;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta’ Jannar 1999 li permezz tieghu issospendiet l-inkarigu ta’ Dr. Joseph Ciappara bhala perit legali u innominat bl-istess fakoltajiet lil Dr. Paul Gauci Maistre`;

Rat ir-rapport mediku ta’ Mr. Frederick Zammit Maempel, minnu pprezentat u mahluf fis-7 ta’ Marzu, 2000;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali Dr. Paul Gauci Maistre` bl-assistenza tal-perit mediku Mr. Frederick Zammit Maempel ipprezentat u mahluf minn Dr. Paul Gauci Maistre` fis-seduta tal-24 ta’ Mejju 2004;

Rat id-digriet taghha tat-18 t’Ottubru, 2004, li permezz tieghu, fuq talba tal-attur, hatret bhala periti medici addizzjonali lil Mr. Charles Grixti u lil Mr. Raymond Gatt u lil Mr. Ivan Esposito sabiex jezaminaw lill-attur, u fid-dawl tar-rapport mediku tal-espert mediku precedenti, jirrelataw bil-miktub dwar id-dizabilita` permanenti li seta` sofra l-attur bhala kawza tal-incident in kwistjoni, bil-soliti fakoltajiet, inkluz li jisimghu xhieda bil-gurament; Il-Qorti innominat ukoll bhala periti addizzjonali biex jiehdu konjizzjoni tat-talbiet attrici u tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, u dana fid-dawl tar-rapport legali gja` pprezentat, u l-periti addizzjonali kienu Dr. Stephen Muscat, Dr. Gianfranco Gauci u Dr. Leslie Cuschieri;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta’ Jannar, 2007, illi permezz tieghu irrevokat l-inkarigu ta’ Dr. Stephen Muscat u ssostitwitu b’Dr. Ramona Frendo bl-istess fakoltajiet;

Rat id-digriet taghha tad-19 t’April, 2007, illi permezz tieghu laqghet it-talba tal-attur u rrevokat l-inkarigu ta’ Dr. Leslie Cuschieri u ta’ Dr. Gianfranco Gauci u

ssostitwithom bl-istess fakoltajiet b'Dr. Noel Bartolo u Dr. Neville Camilleri;

Rat ir-rapport mediku maghmul mit-tobba Mr. Charles Grixti u Mr. Raymond Gatt u Mr. Ivan Esposito minnhom ipprezentat u mahluf fis-17 ta' Frar, 2009;

Rat ir-rapport tal-periti legali perizjuri Dr. Noel Bartolo, Dr. Neville Camilleri u Dr. Ramona Frendo minnhom ipprezentat u mahluf fit-28 t'Ottubru 2009;

Semghet l-eskussjoni tar-rapport tal-perit legali addizzjonali;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi a skans ta' repetizzjoni, il-Qorti sejra tirriproduci s-sunt tal-provi mismugha mill-perit legali Dr. Paul Gauci Maistre kif gej:

**PROVI:**

1. **L-attur** ikkonferma d-dikjarazzjoni guramentata tieghu kif ukoll l-affidavit tal-21 ta' Lulju, 1995. Fl-affidavit huwa qal: "Jiena fit-18 ta' Jannar kont ghaddej fuq ir-rota, kif naghmel ta' spiss, go Valletta Road Zurrieq. Dan kien ghal habta ta' l-10.30 a.m. Jiena kont sejjer lejn iz-Zurrieq u mbaghad f'certu punt ridt indur biex immur lura lejn l-Imqabba. Jiena wqaft mal-genb, harist fid-direzzjoni ta' L-Imqabba u meta rajt li ma kien gej hadt, bdejt naqsam. Jien kont qed naqsam bil-mod u meta wasalt ftit oltre n-nofs tat-triq, f'daqqa wahda nhoss id-daqqa u nsib ruhi ma' l-art. Nghid li d-daqqa kienet hafifa hafna u fil-fatt waqajt ma' l-art ezatt mad-daqqa. L-iskizz tal-Pulizija jirrifletti sew l-incident. Jiena ttehidt l-isptar Zammit Clapp u b'kollox ghamilt xaghrejn fis-sodda bil-pisijiet u ghadni s'issa ma nistax nohrog hlief fuq wheelchair. Jien ghandi 72 sena u pensjonant. Jien

ghadni that il-kura regolari tat-tobba u mmur regolarment ghall-physiotherapy tlett darbiet fil-gimgha”. Zied jghid illi bhala prattika meta jigi biex jaqsam triq bhal Valletta Road jinzel minn fuq ir-rota u jaghti harsa sew ma dwaru. Meta jara t-triq minghajr traffiku, jerga’ jirkeb u jaqsam. Hekk ghamel dik id-darba. Il-karozza li laqtitu ma raha fl-ebda hin. Ma jafx kif u minn fejn giet fuqu. Huwa esebixxa rapport mediku ta’ Mr Carmel Sciberras li gie mmarkat bhala Dok. CJ5 kif ukoll prospett tad-danni li gie mmarkat bhala Dok. F9 u erba’ ritratti tar-rota li gew immarkata bhala Dok.FG1 sa FG4. L-attur spjega illi fejn l-ircevuta ssejjah lil Joseph Grech, dan sar billi hallas provizorjament ibnu Joseph, imma fl-ahhar mill-ahhar il-flus harighom hu.

2. **Kontro-ezaminat l-attur** qal illi l-incident gara meta hu kien aktar minn nofs it-triq qabel ma jdur lura lejn l-Imqabba. Spjega illi hu kien gej mid-direzzjoni ta’ Mqabba fuq it-triq li tiehu ghaz-Zurrieq. Il-konvenuta kienet gejja minn warajh. Mistoqsi jekk kienx ra lill-konvenuta qabel ma qasam hu rrisponda “Meta kont ser naqsam”. Il-hsara tal-konvenuta kienet fuq in-naha ta’ l-isteering tal-karozza u huwa gie milqut fuq ir-rota ta’ wara. Wara l-incident kellux provi li haduh l-isptar.

3. **P.S. Victor Buttigieg prodott mill-attur** xehed illi huwa kien l-ufficjal investigattiv fl-incident awtomobilistiku mertu ta’ din il-kawza. Esebixxa l-okkorrenza u l-isketch li gew immarkata bhala Dok.VB1 u VB2. Kien hu li ghamel l-isketch u nizzel l-okkorrenza. Fl-okkorrenza hemm imnizzel illi “Illum 18 ta’ Jannar 1995 ghal habta ta’ l-10.30 a.m. gewwa Triq Valletta Zurrieq waqt li Francis Grech bin

Carmelo ta’ 71 sena kien ghaddej bir-rota tieghu mill-imsemmija triq, dan safa’ mtajjar minn karozza numru I-4834 tal-marka Peugeot misjuqa minn Carmela Ellul 36 sena mart Lawrence fejn Francis Grech garrab xi feriti u gie mehud l-isptar San Luqa b’ambulanza fejn hemm gie ezaminat u medikat minn Dr Anthony Gatt li ccertifika li dan kien qed isofri minn fracture thigh bone griehi ta’ natura gravi u inzamm SLH ghal aktar kura u mhux fil-periklu tal-mewt.” Kemm ir-rota, kif ukoll il-karozza garrbu hsarat zghar hafna. Meta mistoqsi mill-pulizija Francis

Grech qal li hu kien qed isuq ir-rota fid-direzzjoni taz-Zurrieq, fuq in-naha tax-xellug t at-triq, ra li mhux gejjin karozzi u beda jaqsam ghan-naha tal-lemin meta f'daqqa wahda sab karozza fuqu u bid-daqqa waqa' ma' l-art. Carmela Ellul qalet li hi kienet qed issuq lejn id-direzzjoni taz-Zurrieq meta tar-rota qabad u qasam it-triq minghajr ma hares; hija zammet il-brake, ippruvat tiskapulah imma kien ghalxejn. Aktar stħarrig minn naha tal-pulizija ghadu qed isir.

4. **Il-konvenuta minn jhedda xehdet** illi hija kienet qed issuq il-vettura numru I-4834 fid-direzzjoni taz-Zurrieq. Kienet qed issuq bil-mod u x'hin rat lill-attur, dan kien ghadu mal-hajt. Infatti l-karozza xejn ma gralha. Hi ma tafx x'gara u tghid li ghaliha l-attur qabad u qasam. Meta giet murija l-iskizz, hija qalet li l-karozza taghha kienet izjed lejn ix-xellug tat-triq u cioe izjed ghad-dritt. Ma dehriliex li kienet qasmet in-nofs tat-triq. Qalet ukoll li ghalkemm mhux indikat fl-iskizz, fin-nofs tat-triq hemm il-lines. Hija laqtet l-attur bin-naha tax-xifer.

5. **Kontro-ezaminata** hija qalet li hija ma tafx ezattament jekk l-attur waqax ma' l-art meta saret il-habta pero zgur ma tkaxkarx mal-karozza. Id-danni fil-bicycle kienu minimi u l-bicycle spicca ftit metri 'l boghod mill-vettura taghha. Hija rat lill-attur l-ewwel darba appena kif waslet vicin tieghu. Ma tiftakarx kienx wieqaf jew miexi meta kien fil-genb tat-triq. Ma tiftakarx jekk ratux jaqsam jew le, pero tiftakar zgur li laqtitu. Malli saret il-habta hija waqfet. It-traffiku li kien gej minn warajhom fid-direzzjoni taz-Zurrieq wara l-habta kellu jghaddi minn naha tal-lemin tat-triq. Mistoqsija jekk kienetx zgur dwar dan jew jekk it-traffiku baqax ghaddej normali, hija rrispondiet illi sa fejn tiftakar hi, it-traffiku kien ghaddej minn naha l-ohra kif spjegat qabel.

6. <u>Nota ta' Osservazzjonijiet:</u> L-attur issottometta illi: (1) Din il-kawza hi bbazata fuq incident stradali fejn fit-18 ta' Jannar 1995 l-attur gie milqut mill-konvenuta li kienet qed issuq il-vettura numru I-4834 meta hu kien fuq rota u oltre li sofra diversi danni sofra disabilita permanenti. (2) In sucint l-attur qabad biex jaqsam Triq Valletta Zurrieq li

hi triq ewlenija u pjuttost wiesgha u kif qal hu stess fl-affidavit tieghu u mata ta x-xhieda tieghu viva-voce, qabel ma qasam ta daqqa t'ghajn u meta ra li ma kien gej hadd mid-direzzjoni ta' l-Imqabba beda jaqsam. L-attur xehed ukoll li qasam bil-mod. Jigi rilevat li l-attur hu persuna anzjana. (3) Mill-iskizz esebit tal-pulizija u mix-xhieda ta' l-attur jidher li l-attur gie milqut meta kien oltre n-nofs tat-triq. L-attur xehed li waqa' ezatt mad-daqqa u ghalkemm l-attrici tghid li ma kienitx oltre n-nofs tat-triq meta laqtet lill-attur tikkonferma li dan ma tkaxkarx xi distanza mill-vettura taghha wara li laqtitu. (4) L-agir tal-konvenuta juri nuqqas ta' "proper look out" ghaliex ghalkemm tghid li kull ma rat l-attur mal-genb, u qatt ma ratu jaqsam dan ovvjament qasam, bil-mod (persuna anzjana) u kien lahaq ghadda nofs il-karreggjata meta laqtitu. Li kieku qadet naqra aktar attenta ghal dak li kien qed isir fil-karreggjata quddiemha, l-incident kien jigi evitat. (5) B'hekk l-incident gara tort tal-konvenuta u b'hekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fl-intierezza taghhom.

7. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha il-konvenuta ssottomettiet illi (1) l-esponenti ma taccettax il-verzjoni ta' fatti ndikati mill-attur fix-xhieda u fl-affidavit tieghu. Hija xehdet illi kienet miexja fid-direzzjoni taz-Zurrieq, issuq bil-mod u ccarat fix-xhieda taghha li meta rat lill-attur l-ewwel darba kien proprju ma' l-impatt. Qalet ukoll illi wara d-daqqa; (2) illi kwantu ghall-iskizz ma qablitx mal-mod kif indikat li l-karozza u l-bicikletta spiccaw; ziedet tghid illi l-karozza tieghi kienet izjed lejn ix-xellug tat-triq u cioe izjed ghad-dritt. Nghid ukoll illi ghalkemm mhux indikat fl-istess skizz, fin-nofs tat-triq hemm il-lines; (3) illi hija sinifikattiva d-depozizzjoni ta' l-attur fis-seduta tat-30 ta' Novembru 1999 fej qal illi: "Mistoqsi jekk rajtx il-konvenuta qabel ma qsamt nirrispondi "meta kont se naqsam!; (4) illi in bazi ghas-suespost, l-esponent xtaq jaghmel dawn is-segwenti osservazzjonijiet (a) Valletta Road, Zurrieq hija triq passiggiera ghal karozzi u jekk l-attur ghazel li jaqsam mhux f'post indikat, kelllu huwa d-dover illi jaghmel proper look out meta qasam bir-rota, aktar u aktar minhabba l-anzjanita tieghu; (b) l-esponenti mhux qed tghid illi hija ma kellhiex id-dover li zzomm "a proper look out" – fil-fatt kellha hi wkoll. Id-distinzjoni hija

illi l-attur ghandu juri minhabba l-fatt illi huwa ghazel li jaqsam bir-rota kontra jew f'salib mad-direzzjoni tat-traffiku normali, ic-cirkostanzi partikolari tieghu imponew fuqu l-obbligu u d-dover illi joqghod attent u l-esponenti qed tissottometti illi fejn normalment f'kawzi civili hemm oneru ta' prova illi normalment jirrisolvi ruhu fil-bilanc tal-probabilitajiet unit mal-konvinciment morali tal-gudikant, fil-kaz in dezamina inholoq oneru ta' prova sabiex l-esponent juri li kien diligenti u li fil-kaz ma skarikahx; (c) illi l-oneru tal-prova irid ikun illi jwassal ghall-konvinciment li l-konvenuta kellha xi tort u mill-versjonijiet dan ma rrizultax u fin-nuqqas ta' l-attur li jiskarika l-oneru tal-prova u kwazi prezunzjoni li nholqot, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

**Dwar ir-Responsabbilta:**

8. L-attur kien qieghed isuq rota u regolamenti tat-traffiku japplikaw ukoll ghalih. L-awtur Gibb fi "Trial of Motor Car Accident Cases" f'pagna 85 jghid:

"A motorist has a right to turn his car in the highway, unless prohibited by some regulation. In so doing, however, he must have regard to the safety of others using the highway. He must be charged with negligence, if he turns his car to the right across the path of an approaching vehicle…. Making it impossible for the driver of the rear car to avoid a collision ….. The act of turning across the line of oncoming traffic is one which impresses a special duty of care…

9. U l-istess awtur ighid f'sezzjoni 101:

"it is not enough to sound the horn or give some other signal; it is also necessary that such warning be given at the proper time and place. The signal should be given so that it will serve its purpose.

The driver's duty is not confirmed to making signals; he must see, as far as he can see, that they have been understood and he may be guilty of careless driving if he drives on after making one without so seeing (Ara Sorese

vs Robertson u Pratt vs Bloom 1944 S.C.(J) 95. Ara wkoll Il-Pulizija vs John Bartolo App Kriminali vol.XXXVIII, IV,808).

10. L-artikolu 79 tal-Highway Code jghid: "When changing direction, you must invariably signal your intention to turn well in advance and make sure that it is safe to do so by looking in your mirror".

11. Section tal-Highway Code tghid: "Well before you turn at a junction, take full account of the position and movement of following traffic. Signal your intention and when safe to do so take up the appropriate position. Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicles before you complete a right turn."

12. Meta l-Highway Code tghid 'take up the appropriate position' ghal min irid jaqsam il-kurrent tat-traffiku, wiehed jifhem illi 'the appropriate position' hi tali 'on the crown of the road' li ma thalli ebda dubju lill-vetturi ohrajn dwar l-intenzjoni ta' min qed jaghmel dik il-manuvra.

13. Fl-istess hin meta l-Highway Code tghid "wait until there is a safe gap" wiehed jifhem illi min irid jaghmel din il-manuvra ghandu jieqaf hekk kif jiehu posizzjoni "on the crown of the road" sabiex jizen tajjeb ic-cirkostanzi kollha.

14, Naturalment, biex wiehed ikun jista jaghmel dak li titlob il-Highway Code u cioe "take full account of the position and movement of following traffic wiehed ma jridx milli jzomm a proper look-out.

15. Kif jghid il-ktieb "Driving: The Department of the Environment Manual" Page 21 "Make sure that you have not missed anything by always looking over your right shoulder after using your mirror. Whatever mirrors are fitted to your car, there will almost certainly be some blind spots behind". L-awtur Amerikan Averbach "Handling Accident Cases" Volume 4 paras 128, 129 ighid: "It is generally agreed that the failure of a motorist turning left to give a suitable warning of his intention constitutes negligence which will render him liable for injuries

proximately sustained by another motorist proceeding in the same or approaching from the opposite direction. The giving of a signal for a left turn at an intersection has been held not to relieve a motorist from liability for damages resulting from a collision with another vehicle where the signal for the turn was inadequate under the circumstances. Similarly, where a motorist intending to make a left turn between intersections give what is proposed to be a signal to show such an intention, but his signal is insufficient to show what he is about to do, or does not afford another motorist traveling in the same or opposite direction an opportunity to avoid a collision, and an accident results, such proposed signal does not relieve the motorist making the turn from liability for the accident."

16. Jigi notat illi Averbach jitkellem dwar "left turn" billi fl-Istati Uniti it-traffiku jzomm mal-lemin ta' fuqu.

17. Meta wiehed irid jaqsam il-kurrent tat-traffiku f'post fejn m'hemmx inkrocju regolari u f'ambjent fejn it-traffiku hu x'aktarx kontinwu (bhal ma hu fil-kaz prezenti) allura wiehed irid joqghod izjed u izjed attent. Ara f'dan ir-rigward Farrugia vs Ripard Qorti ta' l-Appell 15.02.74, Sammut vs Sciberras P.A. 19.12.1973 u Carmelo Galea vs Douglas Gordon Adams P.A. 2.02.1976.

18. L-awtur Gibb "Trial of Motor Car Accident Cases" section 81 ighid inter alia "The front car has a superior right, his look out is ahead and not behind and he owes no duty to the rear…. It has been held that he has a right to assume, unless made aware of anything to the contrary, that either there is no car in close proximity to his rear or that if there is, the car is under such control as not to interfere with his free use of the road in any lawful manner. The mere case that a driver runs down the vehicle ahead of him is probably some evidence that he was either traveling at too high a rate of speed or that he was following too closely the car ahead of him." Dan il-kaz pero huwa wiehed ta' nuqqas ta' proper look out. Ara Prim'Awla Anthony Doughald vs Peter Schembri 24.05.1977 u z-zewg decizjonijiet esteri Arnesen vs

Protea Assurance Co Ltd (1973, 1 A.A. 714, N) u Dungribel vs Laing 1966, III, S.J. 19, C.A.)

19. L-istess awtur Gibb fil-paragrafu 59 jghid “The duty to look implies the duty to see what is in plain view. Il-konvenuta zgur li kellha “plain view” pero naqset illi zzomm a proper look out. Kif inghad fis-sentenza Neuhaus, N.O. vs Bastion Insurance Co. Ltd (1968, 1, S.M. 398A.D) “Keeping a proper look out means more than looking strait ahead: it includes awareness of what is happening in one immediate vicinity.” Testwalment il-konvenuta qalet illi hija rat lill-attur l-ewwel darba appena kif wasalt mieghu. Ma tiftakarx kienx wieqaf jew miexi f’dak il-mument u cioe meta kien fil-genb tat-triq. Din hi auto inkolpazzjoni ghaliex la setghet (kif fic-cirkostanzi stradali juri li setghet) missa rat lill-attur u li ma ratux, sinjal li ma kienitx qieghda attenta kif kellha tkun jekk riedet izzomm ‘a proper look out’. Ara Il-Pulizija vs John M.Laferla App.Kriminali 17.06.1961.

20. L-attur ukoll testwalment jghid illi: “Jiena bhala prattika meta nigi biex nasam triq bhal Valletta Road ninzel minn fuq ir-rota u naghti harsa madwari. Meta nara li t-triq minghajr traffiku, nerga nirkeb u naqsam. Hekk ghamilt din id-darba. Il-karozza li laqtitni ma rajtha fl-ebda hin. Ma nafx kif u minn fejn giet fuqi.”

21. Din ukoll hija auto-inkolpazzjoni ghaliex l-attur jekk veru ghamel dak li qal li ghamel messu ra lill-konvenuta u la darba ma rahiex, dan huwa sinjal li ma kienx attent kif kellu jkun u naqas ukoll milli jzomm ‘a proper look-out’.

22. Kif ghamlet il-Prim’Awla f’kawza fl-ismijiet “Primrose General Trading Limited vs Agius deciza fl-4 ta’ Dicembru 1996 sewwieq ghandu jzomm f’mohhu erba’ principji bazici meta jsuq karozza. Dawn huma:

1. Rispett lejn is-sinjali tat-triq;
2. Li jzomm ‘a proper look out’ qabel ma jaghmel manuvra li tista tiddisturba t-traffiku;
3. Li jaghti sinjali adegwati u sufficjenti ta’ l-intenzjoni tieghu; u

4. Li jzomm distanza adekwata mill-vettura ta' quddiemu biex ikun jista jiehu kull mizura skond il-kaz.

Bil-manuvri taghhom, l-attur kiser it-tieni principju u l-konvenuta kisret ir-raba' principju.

Ghaldaqstant l-esponent huwa tal-fehma illi kemm l-attur kif ukoll il-konvenut naqsu milli jzommu a proper look out u t-tnejn ghandhom jinzammu responsabbli ndaqs ghall-incident.

**Likwidazzjoni ta' danni:**

L-artikoli rilevanti tal-Kodici Civili huma :

1031. Kull persuna twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha;

1045. (1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghaliha twiegeb ghaliha, …… hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, t-telf ta' paga jew qligh ieor attwali, u telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil setgha jgieb.
(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, x-xorta u grad ta' inkapacita ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Bhala damnum emergens l-attur qed jitlob:

| | |
|---|---|
| Spejjez ta' taxi | Lm 17.50 |
| Road Accident Report | Lm 3.00 |
| Spejjes professjonali | Lm 82.00 |
| Rehabilitatioon Aids | Lm245.73 |
| | **Lm348.23** |

L-attur kellu 71 sena meta gara l-incident u kien pensjonat. Dwar id-disabbilita skond l-espert mediku Mr. Frederick Zammit Maempel MD., FRCS l-attur sofra

disabilita permanenti ta’ hmistax fil-mija (15%) u dana skond ir-relazzjoni tieghu annessa ma’ dan ir-rapport. Skond l-istess rapport l-attur kien ilmenta li bhala rizultat tal-incident, riglu qsaret u ma jistghax jimxi minghajr bsaten. Il-gog tal-ingropp baqa iebes u ma jintlewiex bizejjed biex jilbes peduni, qalziet, zarbun jew biex jitla t-tarag. Ghalhekk jrid kollox mill-mara u t-tfal. Aktar ‘il quddiem l-espert mediku jikkummenta li s-Sur Grech sofra ksur tal-ghadma tal-ingropp tal-lemin u din l-ghadma ghalqet xi ftit spustjata u Grech spicca b’rigel pulzier u kwart aqsar minn tax-xellug.

Fil-kaz prezenti ma kienx hemm telf futur (lucrum cessans) pero ma jistax jigi michud li l-attur ghandu jigi kumpensat tat-telf ta’ indipendenza li kellu qabel gara l-incident billi wara l-incident sar dipendenti minn haddiehor ghal hafna bzonnijiet tieghu. L-attur ma pprezenta ebda prospett tax-xoghol u servizzi ohra li gew u ghadhom jigu rezi lilu. Huwa esebixxa P3 rigwardanti pensjoni li rcieva fl-1994 li tammonta ghal LM986.03 u slip ghal pesjoni ghal xahar ta’ 19.10.96 u 15.11.96 fl-ammont ta’ LM103. L-esponent ma jaqbilx illi fic-cirkostanzi tal-kaz ghandu jintuza kalkolu ta dawn id-danni a bazi ta’ multiplier kif sviluppat mill-gurisprudenza in segwitu tal-kawza Butler vs Herd ghalkemm dan il-metodu gie adottat recentement fil-kawza Amabile Azzopardi vs Anthony Xuereb deciza mill-Prim Awla fl-14 ta’ Jannar 2004 citazzjoni nru 1123/1991 DS liema sentenza pero giet appellata. L-esponent jaqbel izjed mas-sentenza tat-2 ta Ottubru 2002 citazzjoni nru 1018/00 GV fl-ismijiet Maria Tabone vs James Muscat fejn il-Qorti arbitrio boni viri llikwidat danni li sofriet mara ta’ 75 sena wara li din sfat imtajjra u sofriet disabilita permanenti kawza tal-incident.

Illi l-perit legali wasal ghas-segwenti konkluzjoni:

“L-esponent ghalhekk jissugerixxi bhala likwidazzjoni arbitrio boni viri s-somma ta’ LM2000 bhala rapprezentanti danni futuri sofferti mill-attur minhabba d-disabilita sofferta.

Mela t-total tad-danni jammontaw ghal LM2348.23. L-esponent ma jhoss illi ghandu jitnaqqas xi ammont ghal lump sum payment.

Ghaldaqstant il-konvenuta ghandha thallas nofs l-ammont tad-danni likwidati u cioe elf mija hamsa u sebghin lira (LM1,175) ghad dritt.

Tant l-esponent ghandu l-unur jissottometti ghall-ahjar gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti."

Ikkunsidrat:

Illi il-Periti Medici Addizzjonali Mr Charles Grixti, Mr Raymond Gatt u Mr Ivan Esposito irrelataw u waslu ghas-segwenti konkluzjoni:

**"Konkluzjoni** :

Francis Grech sofra griehi gravi fir-rigel tal-lemin, fejn kellu ksur fil-gog tal-wirk. Huwa kellu bzonn operazzjoni li ma kinitx bizzejjed biex izzomm il-ksur u fil-fatt gie mgieghel joqghod fis-sodda bil-piz ghal xaghrejn ohra. Kellu komplikazjoni ohra meta gietu nfezjoni u kellu jiehu antibijotici ghal sittax il-gimgha.

Wara dan l-incident, is-Sur Grech tilef hafna mill-indipendenza tieghu. Fejn qabel kien kapaci jirkeb rota, issa spicca dipendenti fuq zewg bsaten u ma jistax johrog wahdu. Billi qed jaghmel hafna piz fuq idejh biex juza' l-bsaten, spicca biex qed idajjef in-nervituri ta' idejh u b'hekk qed jinxfu l-muskoli.

B'kollox kellu bzonn tlett operazjonijiet li fl-eta tieghu, u peress tal-kundizjoni medika tieghu, kellu riskju akbar.

Ghadu jbati l-koknsegwenzi ta' dan l-incident sa llum fejn hemm telf tal-muviment tal-gog tal-wirk, telf fit-tul tar-rigel u angolazjoni ta' l-irkoppa.

Ghaldaqstant ahna ta' l-opinjoni li s-Sur Grech ghandu disabilita permanenti totali ta' hmistax (15%) fil-mija."

Ikkunsidrat:

Illi l-perit legali perizjuri irrelataw kif gej:

« A. **PRELIMINARI**

Illi permezz ta' Citazzjoni minnu pprezentata nhar il-21 ta' Lulju 1995, l-attur ippremetta: -

Illi waqt illi huwa kien riekeb rota gewwa Valletta Road, Zurrieq nhar it-18 ta' Jannar 1995, huwa safa milqut mill-konvenuta illi kienet qieghda ssuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni I-4834, u rizultat ta' dan soffra diversi danni, inkluz dizabilita` permanenti;

Illi ghall-incident u konwegwenzjali danni kienet tahti l-konvenuta minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u inosservazzjoni tar-regolamenti, liema fatt kien michud mill-konvenuta;

Illi ghalhekk l-attur talab lil dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghall-incident *de quo* u ghad-danni rizultanti, illi kellhom jigu likwidati occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, b'dan illi l-konvenuta tigi kkundannata illi thallas is-somma hekk likwidata u dovuta, bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-istess konvenuta illi kienet ukoll ingunta ghas-subizzjoni.

Il-konvenuta pprezentat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet taghha fit-8 ta' Novembru 1995,[1] fejn eccepiet illi ghall-incident *de quo* kien jahti unikament l-attur, stante illi dan hareg fuq rota, u qasam it-triq minghajr ma hares.

Permezz ta' Digriet minnha moghti fis-27 ta' Novembru 1995, dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Imhallef Geoffrey Valenzia kienet innominat lill-kompjanti Dottor Joseph Ciappara bhala Perit Legali u lil Mr. Joseph Attard bhala Espert Mediku rispettivament sabiex

[1] *Vide* fol. 15 tal-Process.

jirrelataw dwar it-talbiet attrici. L-espert mediku kien gie sostitwit b'Mr. Frederick Zammit Maempel permezz ta' Digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onor. Imhallef Noel V. Arrigo nhar it-3 ta' Novembru 1997.

Fil-kors tas-seduta mizmuma fil-25 ta' Jannar 1999, dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onor. Imhallef David Scicluna kienet issospendiet l-inkarigu tal-kompjant Dottor Joseph Ciappara [illi dak iz-zmien kien jinsab gravament indispost] u nnominat minflok lil Dottor Paul Gauci Maistre bhala Perit Legali.

Mr. Frederick Zammit Maempel ipprezenta r-Rapport tieghu fis-7 ta' Marzu 2000[2] u kkonkluda illi l-attur kien soffra dizabilita` permanenti ta' 15%. Dan ir-Rapport gie debitament mahluf fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2000.

Il-Perit Legali Dottor Paul Gauci Maistre pprezenta u halef ir-Relazzjoni tieghu nhar l-24 ta' Mejju 2004.[3]

Illi permezz ta' Nota minnu pprezentata nhar is-27 ta' Mejju 2004, l-attur iddikjara illi huwa hass ruhu aggravat bir-rapporti tal-Perit Mediku u b'dak tal-Periti Legali u kwindi talab il-hatra ta' Periti Addizzjonali.[4]

Illi in vista ta' dan, nhar it-18 ta' Ottubru 2004, dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onor. Imhallef Gino Camilleri kienet appuntat lil Mr. Charles Grixti, Mr. Raymond Gatt u Mr. Ivan Esposito bhala esperti medici addizzjonali, sabiex jezaminaw lill-attur u jirrelataw bil-miktub dwar id-dizabilita` permanenti illi dan seta' soffra bhala kawza ta' l-incident *de quo*.

Illi f'dika l-istess seduta, dina l-Onorabbli Qorti, dejjem diversament preseduta mill-Onor. Imhallef Gino Camilleri, kienet innominat ukoll lil Dottor Stephen Muscat, Dottor Gianfranco Gauci u Dottor Leslie Cuschieri bhala Periti Legal Addizzjonali, izda peress illi sussegwentment

[2] Dan jinsab a fol. 63 *et seq* tal-Process.
[3] *Vide* fol. 85 *et seq.* tal-Process.
[4] *Vide* fol. 145 tal-Process.

irrizulta illi dawn kellhom involviment f'dan il-kaz, gew eventwalment sostitwiti bl-esponenti Dottor Ramona Frendo (illi giet nominata permezz ta' Digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti kif preseduta nhar is-17 ta' Jannar 2007) u Dottor Noel Bartolo u Dottor Neville Camilleri (illi gew nominati fis-seduta sussegwenti tad-19 ta' April 2007).

Ir-Rapport tal-Periti Medici Perizjuri gie pprezentat nhar it-23 ta' April 2008, u debitament mahluf minn Mr. Carmel Grixti u Mr. Ivan Esposito fil-kors tas-seduta tas-17 ta' Frar 2009.[5]

Illi kien ghalhekk biss f'dan l-istadju illi l-esponenti Periti Legali setghu jespletaw l-inkarigu lilhom moghti, u dan wara illi, fil-mori tal-proceduri, kienu zammew is-segwenti seduti: -

a. Seduta fit-12 ta' Novembru 2008 illi ghaliha attenda Mansueto Grech, iben l-attur (illi minhabba l-eta` tieghu ma setax jattendi ghas-seduti) assistit minn Dottor Yana Micallef Stafrace. F'dina s-seduta, *inter alia,* Dottor Micallef Stafrace ghamlet is-Sottomissjonijiet finali taghha ghan-nom ta' l-attur;

b. Seduta fis-26 ta' Jannar 2009 fejn kienu prezenti Dottor Yana Micallef Stafrace ghall-attur, flimkien ma' Dottor Philippa Taylor East ghas-socjeta` Citadel Insurance plc, socjeta` assiguratrici tal-konvenuta, assistita minn Dottor Patrick Galea. Dottor Patrick Galea ghall-konvenuta ghamel is-sottomissjonijiet finali tieghu dwar dan il-kaz, u l-esponenti gew awtorizzati illi jghaddu ghar-Rapport taghhom wara illi l-Periti Perizjuri Medici jkunu halfu r-Rapport minnhom ipprezentat.

It-traskrizzjonijiet relattivi ghal dawn is-seduti huma annessi ma' dan ir-Rapport u mmarkati bhala **Dok. TS1**.

L-esponenti raw: -

---

5 Fil-kors ta' l-istess seduta, dina l-Onorabbli Qorti awtorizzat lill-Perit Mediku Raymond Gatt sabiex jahlef ir-Rapport fir-Registru.

(a) ic-Citazzjoni attrici;

(b) l-Affidavit maghha anness [**Dok. A**][6] illi fih l-attur iddeskrieva l-incident in kwistjoni

(c) ir-*Road Accident Report* [**Dok. B**][7];

(d) l-iSkizz relattiv [**Dok. C**][8];

(e) in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-Konvenuta;[9]

(f) il-Prospett tad-Danni pprezentat mill-attur a fol. 29 tal-Process, bid-dokumenti **FG1 sa FG15** mieghu annessi riferibbilment ghad-*damnum emergens* u d-dokumenti **FG16 u FG17** riferibbilment ghall-introjtu tieghu in konnessjoni mad-danni tat-tip *lucrum cessans*;

(g) in-Nota ta’ Sottomissjonijiet ta’ l-attur a fol. 54 tal-Process;

(h) in-Nota ta’ Sottomissjonijiet tal-konvenuta a fol. 59 tal-Process;

(i) ir-Rapport tal-Perit Mediku Mr. Frederick Zammit Maempel a fol. 63 *et seq* tal-Process;

(j) ir-Rapport tal-Perit Legali Dottor Paul Gauci Maistre a fol. 85 *et seq* tal-Process, inkluz u senjatament il-konsiderazzjonijiet u r-rizultanzi minnu milhuqa a fol. 96 sa 105 tal-Process;

(k) l-evidenza migbura quddiem il-Periti Legali, il-kompjant Dottor Joseph Ciappara u eventwalment Dottor Paul Gauci Maistre: -

i. ix-xhieda ta’ l-attur minn jeddu [a fol. 113 u wkoll 114 tal-Process] u mbaghad in kontro-

[6] A fol. 4 tal-Process.
[7] A fol. 5 tal-Process.
[8] A fol. 7 tal-Process.
[9] A fol. 15 tal-Process.

ezami [a fol. 118 tal-Process]. Fil-kors tas-seduta mizmuma fis-7 ta' Dicembru 1999, l-attur esebixxa erba' ritratti tal-hsarat fir-rota tieghu illi gew immarkati bhala **Dok. FG1 sa Dok. FG4**[10] rispettivament. Fil-kors tas-seduta ta' l-14 ta' Marzu 1997, l-attur kien esebixxa wkoll Rapport Mediku ta' Mr. Carmel J. Sciberras, illi ghalkemm kellu jigi mmarkat bhala **Dok. CJS**, effettivament ma giex hekk immarkat, izda jinsab a fol. 128 *et seq* tal-Process;[11]

ii. ix-xhieda ta' PS 1448 Victor Buttigieg[12] illi kien investiga l-kaz, u esebixxa l-Okkorrenza u l-iSkizz illi gew immarkati bhala **Dok. VB1 u Dok. VB2**[13] rispettivament;

iii. ix-xhieda tal-konvenuta, minn jeddha u in kontro-ezami, a fol. 119 u 120 tal-Process;

(l) ir-Rapport tal-Periti Perizjuri Medici illi gie mahluf minn Mr. Carmel Grixti u Mr. Ivan Esposito nhar is-17 ta' Frar 2009.[14] Il-Periti Perizjuri Medici wkoll ikkonkludew illi l-attur soffra dizabilita` permanenti totali ta' 15%.

B. **KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR RESPONSABILITA`**

1. Illi l-incident stradali mertu ta' din il-kawza gara meta l-attur, illi kien qieghed isuq ir-rota go Valletta Road, Zurrieq, kien qed idur lejn l-Imqabba ossia lejn il-lemin, f'liema hin sehh l-incident mal-vettura misjuqa mill-konvenuta, liema vettura giet minn warajh.

2. Mentri l-attur ighid li qabel huwa gie biex idur lejn l-Imqabba, huwa waqaf, u ra jekk kienux gejjin vetturi minn

[10] *Vide* fol. 124 sa 127 tal-Process.

[11] Jigi rilevat illi dan ir-Rapport Mediku *ex parte* ta' l-attur ukoll jistabilixxi rata ta' dizabilita` permanenti ta' 15%.

[12] A fol. 117 tal-Process.

[13] A fol. 120 *et seq* tal-Process.

[14] Il-Process, f'din il-parti, mhux enumerat.

warajh, u wara beda jaqsam, il-konvenuta tghid li l-attur qabad u qasam it-triq minghajr ma hares.

3. A rigward il-manuvra ta’ l-attur illi jaqsam lejn l-Imqabba, l-esponenti jibdew billi jaghmlu riferenza ghall-verzjoni moghtija minnu *a tempo vergine* lill-Pulizija. Jirrizulta mir-Rapport tal-Pulizija[15] illi l-attur Francis Grech qal illi hu kien qieghed isuq ir-rota lejn id-direzzjoni taz-Zurrieq, fuq in-naha tax-xellug tat-triq, ra illi mhux gejjin karozzi u beda jaqsam ghan-naha tal-lemin, meta f’daqqa wahda sab karozza fuqu u bid-daqqa waqa’ ma’ l-art.

L-esponenti jaghmlu riferenza partikolari ghall-fatt illi fix-xhieda tieghu[16], l-attur ighid illi:

*“Jiena bhala prattika meta nigi biex naqsam triq bhal Valletta Road ninzel minn fuq ir-rota u naghti harsa sew ma’ dwari. Meta nara li t-triq minghajr traffiku, nerga’ nirkeb u naqsam. Hekk ghamilt din id-darba”.*

Ghandu jigi nnutat ukoll illi l-attur ikompli jghid[17] illi:

*“Il-karozza li laqtitni ma rajtha fl-ebda hin”*.

Pero`, meta l-attur xehed in kontro-ezami,[18] u gie mistoqsi jghid jekk rax lill-konvenuta qabel ma qasam, huwa rrisponda:

“*Meta kont se naqsam”*.

Jigi rilevat ukoll illi l-hsara fil-vettura tal-konvenuta kienet fuq in-naha ta’ l-i*steering* u l-attur gie milqut fuq ir-rota ta’ wara.

Fin-Nota ta’ Osservazzjonijiet tieghu,[19] l-esponenti jinnotaw illi l-attur jissottometti s-segwenti: -

[15] A fol. 120 *et seq* tal-Process.
[16] A fol. 113 tal-Process.
[17] A fol. 113 tal-Process.
[18] A fol. 118 tal-Process.
[19] A fol. 54-55 tal-Process.

*"Mill-iskizz esebit tal-Pulizija u mix-xhieda ta' l-attur jidher li l-attur gie milqut meta kien oltre n-nofs tat-triq".*

4. Minkejja dak li nghad hawn fuq, l-esponenti jistaqsu kif l-attur jaghti zewg verzjonijiet differenti: l-ewwel ighid li huwa ma ra lill-konvenuta fl-ebda hin qabel l-incident, u wara jghid illi raha meta kien ser jaqsam. Il-mistoqsija illi ghandha tigi mwiegba hija s-segwenti: l-attur, ra jew ma rahiex il-vettura tal-konvenuta qabel sehh l-incident? Tigi mwiegba kif tigi mwiegba tali mistoqsija, xorta jibqa' l-fatt illi ma jirrizultax lill-esponenti illi effettivament l-attur ghamel dak illi jghid illi huwa ghamel meta gie biex idur lejn l-Imqabba, ghaliex kieku huwa verament hares qabel gie biex idur, apparti milli jieqaf, kif kien obbligat illi jaghmel, kieku kien zgur, u mhux forsi, jittendi bil-vettura tal-konvenuta u jevita milli jaqsam.

5. A rigward is-sewqan tal-konvenuta, l-esponenti jaghmlu riferenza ghall-verzjoni moghtija minnha lill-Pulizija *a tempo vergine* ezattament wara l-akkadut. Jirrizulta mir-Rapport tal-Pulizija[20] illi l-konvenuta qalet illi hi kienet qed issuq lejn id-direzzjoni taz-Zurrieq meta tar-rota (cioé l-attur), qabad u qasam it-triq minghajr ma hares; hija zammet il-brejk, ippruvat tiskapulah imma kien ghalxejn.

6. Fix-xhieda moghtija minnha, il-konvenuta tghid hekk[21]:

*"Jiena kont qed insuq il-vettura numru I-4834 fid-direzzjoni taz-Zurrieq. Kont qed insuq bil-mod u x'hin rajt lill-attur, dan kien ghadu mal-hajt. Infatti l-karozza xejn ma gralha. Jiena ma nafx x'gara u nghid li ghalija l-attur qabad u qasam".*

Jigi nnutat ukoll illi meta l-konvenuta xehdet in kontro-ezami,[22] hija qalet is-segwenti: -

---

[20] A fol. 120 *et seq* tal-Process.
[21] A fol. 119 tal-Process.
[22] A fol. 119 tal-Process.

*"Jiena rajt lill-attur l-ewwel darba appena kif wasalt vicin tieghu. Ma niftakarx kienx wieqaf jew miexi, f'dak il-mument, u cioé meta kien fil-genb tat-triq. Ma niftakarx jekk rajtux jaqsam jew le, pero` niftakar zgur li lqattu"*.

Fin-Nota ta' Osservazzjonijiet taghha,[23] il-konvenuta tghid: -

*"l-esponenti mhux qed tghid illi hija ma kellhiex id-dover li zzom "a proper look out" – fil-fatt kellha hi ukoll. Id-distinzjoni hija illi l-attur ghandu juri minhabba l-fatt illi huwa jaghzel li jaqsam bir-rota kontra jew f'salib mad-direzzjoni tat-traffiku normali, ic-cirkostanzi partikolari tieghu imponew fuqu l-obbligu u d-dover illi joqghod attent u l-esponenti qed tissottometti illi fejn normalment f'kawzi civili hemm oneru ta' prova illi normalment jirrisolvi ruhu fil-bilanc ta' probabilitajiet unit mal-konvinciment morali tal-gudikant, fil-kaz in dezamina inholoq oneru ta' prova sabiex l-esponenti juri li kien negligenti u li fil-kaz ma skarikahx".*

7. Minkejja dan, l-esponenti jinnotaw illi kieku l-konvenuta kienet qed izzomm il-*proper look out* illi sewwieq huwa rikjest illi jkollu waqt is-sewqan, kieku kienet tkun f'pozizzjoni hafna ahjar illi tixhed rigward il-fatt fejn kien ezattament l-attur qabel ma sehh l-incident. Kienet zgur ukoll tarah qabel ma kienet tasal vicin tieghu. Apparti dan, l-esponenti jinnotaw ukoll illi sewwieq ghandu jzomm distanza adegwata mill-vettura ta' quddiemu sabiex ikun jista' jiehu kull mizura skond il-kaz. Ma jirrizultax effettivament illi l-konvenuta zammet tali distanza, ghaliex kieku l-incident seta' jigi evitat.

8. Tenut kont dak illi nghad hawn fuq, l-esponenti jhossu illi m'ghandhomx ghalfejn jiddisturbaw il-konsiderazzjonijiet dwar responsabilita` ta' l-incident stradali maghmula mill-Perit Legali Dottor Paul Gauci Maistre fir-Rapport Peritali tieghu.[24] Anzi, l-esponenti jaghmlu riferenza partikolari ghall-paragrafi 8 sa 22 ta' l-

[23] A fol. 59-60 tal-Process.
[24] A fol. 85-110 tal-Process.

istess Rapport Peritali, u, a skans ta' ripetizzjoni, jaddottawhom bhala taghhom f'dan ir-Rapport.

9. Fir-Rapport Peritali tieghu, il-Perit Legali Dottor Paul Gauci Maistre jirreferi[25] ghad-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Primrose General Trading Limited vs Agius** deciza fl-4 ta' Dicembru 1996, fejn gie ritenut illi sewwieq ghandu jzomm f'mohhu s-segwenti erba' principji bazici meta jsuq vettura:

(a) Rispett lejn is-sinjali tat-triq;
(b) Li jzomm *a proper look out* qabel ma jaghmel manuvra li tista' tiddisturba t-traffiku;
(c) Li jaghti sinjali adegwati u sufficjenti ta' l-intenzjoni tieghu;
(d) Li jzomm distanza adegwata mill-vettura ta' quddiemu biex ikun jista' jiehu kull mizura skond il-kaz.

10. L-esponenti jaqblu perfettament mal-Perit Legali Dottor Paul Gauci Maistre meta huwa kkonkluda illi mentri l-attur kiser it-tieni principju, il-konvenuta kisret ir-raba' principju msemmi hawn fuq.

B'hekk l-esponenti jikkondividu l-konkluzjoni raggunta mill-Perit Legali Dottor Paul Gauci Maistre illi kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta ghandhom ikunu mizmuma responsabbli ghall-incident stradali mertu ta' dan il-kawza, u dana fi kwoti ndaqs bejniethom.

## C. KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-*QUANTUM* TAD-DANNI

1. Fir-Relazzjoni Peritali tieghu (a fol. 102 *et seq.*) l-abbli Perit Legali Dr. Paul Gauci Maistre irrelata dwar il-likwidazzjoni tad-danni billi kwantu ghad-*damnum emergens* ikkonkluda illi l-ammont pagabbli ghandu jkun dak ta' **Lm 348.23** skond il-prospett ezebit mill-attur a fol. 29 tal-Process u r-ricevuti relattivi **Dok FG1 sa FG 15** (a

[25] A fol. 101 tal-Process.

fol. 30 sa 40) filwaqt illi kwantu ghall-*lucrum cessans* ikkonkluda li fil-kaz *de quo* ma kienx hemm telf futur (*lucrum cessans*) pero` fi kliem l-abbli relatur "*ma jistax jigi michud li l-attur ghandu jkun kompensat ghat-telf ta' indipendenza li kellu qabel gara l-incident billi wara l-incident sar dipendenti minn haddiehor ghal hafna bzonnijiet tieghu*".

2. L-istess abbli relatur hass illi fic-cirkostanzi tal-kaz ma kienx il-lok li jigi applikat il-principju stabbilit fil-kaz **Butler vs Heard** izda kien kaz fejn il-*quantum* tad-danni kellu jigi stabbilit *arbitrio boni viri* bhal fil-kaz **Maria Tabone vs James Muscat** (Prim'Awla tal-Qorti Civili – Cit. Nru. 1018/00GV deciza fit-2 ta' Ottubru 2002). In linea ma' dan ir-ragunament, l-imsemmi Perit Legali kkonkluda billi *arbitrio boni viri* ssugerixxa likwidazzjoni ta' danni futuri fl-ammont ta' Lm 2,000.

3. Illi l-esponenti filwaqt li jikkondividu l-konkluzjoni tal-Perit Legali ghal dak li jirrigwarda d-*damnum emergens*, ma jaqblux mieghu in kwantu jirrigwarda l-konkluzjoni tieghu ghad-danni futuri. L-esponenti huma anzi tal-fehma li fil-kaz *de quo* hemm l-elementi kollha biex l-attur jigi kkumpensat tal-*lucrum cessans* bil-metodu stabbilit f'**Butler vs Heard** kif ricentement aggiornat.

4. Ma hemmx dubju illi kif ritenut mit-**Torrente** ("**Manuale di Diritto Privato**", 11 Ed. pag. 652), "*la valutazione del danno puo` essere particolarmente laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E` giusto, pertanto, che al giudice sia attribuito in materia in quando le parti non riescano a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo*";

5. Dan jidher illi huwa wkoll il-kaz fis-sistema tal-ligi taghna billi skond il-kriterji generali ffissati bis-**subinciz (2)** ghall-**Artikolu 1045** tal-**Kodici Civili** "*is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikulari, ix-xorta u grad ta' inkapacita` ikkagunata, u l-*

*kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara*". Fil-kaz *de quo* l-attur spicca *bedridden* u ddeterjora minhabba l-incident.

6. Kif intqal fid-decizjoni **Joseph Borg vs Dr. Arturo Valenzia *nomine***, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fid-9 ta' Gunju 1972, "*din id-disposizzjoni necessarjament u logikament thalli hafna fid-diskrezzjoni prudenzjali tal-gudikant*". Huwa wkoll indikuss illi f'kazijiet konsimili, il-principju konsegwit hu dak tar-*restitutio in integrum*, fis-sens illi "*l-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun soffriehom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn*" (**Borg pro et noe vs Muscat**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fid-9 ta' Jannar 1973);

7. Fl-istat attwali ta' l-izvilupp gurisprudenzjali taghna, il-gudikant ma ghandux ghalfejn jaqa' fuq il-kriterju ekwitattiv ta' l-*arbitrio boni viri*, cioe` li jiffissa somma *ex aequo et bono* minghajr kriterju specifiku, meta bil-ghajnuna ta' metodu prattikabbli giet mill-Qorti stabbilita formula dwar il-kalkolu tal-kumpens jew somma ghad-danni sofferti. Dan kif traccjat fis-Sentenza **Michael Butler vs Peter Christopher Heard**, Appell Civili deciza fit-22 ta' Dicembru 1967, ormai *locus classicus* fuq is-suggett.

8. Nonostante l-formula f'din id-decizjoni stabbilita, gie xorta wahda ritenut illi "*margini ta' latitudni diskrezzjonali irid dejjem jithalla lill-gudikant*" (**Bugeja vs Borg**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza fil-11 ta' Mejju 1983). Tali diskrezzjonalita` jidher li giet adoperata fil-kaz tal-*multiplier* (**Kevin Agius vs Colin Murphy**, Qorti tal-Kummerc, deciza fit-23 ta' Marzu 1990) billi din ma baqghetx marbuta ma' massimu ta' ghoxrin (20) sena "*working life expectancy*", kif ukoll fir-rigward tal-"*lump sum percentage deduction*" (**Mark Caruana vs Grazio Camilleri**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fil-5 ta' Ottubru 1993).

9. Dan kollu premess l-esponenti jhossu illi s-segwenti konsiderazzjonijiet ghandhom japplikaw ghall-kaz odjern:

(i) Id-Dhul tal-Vittma

Hareg mill-provi illi fil-perijodu ta' l-incident l-attur kien pensjonant. Fl-1996, id-dhul tieghu kull erba' gimghat kien ta' Lm 103.56 (**Dok FG 17** a fol. 41) bhala pensjoni. Biz-zieda ta' l-gholi tal-hajja kif kalkolata skond l-indici appozitu mahrug mill-Gvern ta' Malta, dik il-pensjoni illum tawmenta ghall-Lm 139.92 kull erba' gimghat.[26] B'hekk ghall-finijiet ta' awment fid-dhul ta' l-attur ghall-kalkolazzjoni tal-*quantum*, l-esponenti sejrin jiehdu l-*average* taz-zewg ammonti ossia Lm 103.56 + Lm 139.92 ÷ 2 = Lm 121.74 kull erba' gimghat jew **Lm 30.44 fil-gimgha**.

(ii) *Multiplier*

Rigward il-multiplier dan kien dejjem punt ta' kontestazzjoni peress illi l-Qorti ghandha diskrezzjoni kbira u ma hemm xejn fil-ligi illi jirregolaha u jidderigiha f'dan ir-rigward. Kull ma jezistu huma numru kbir ta' sentenzi illi jaghtu diversi cifri u illi bejniethom xejn ma jaqblu. Li hemm qbil dwaru huwa illi meta jasal biex jistabbilixxi zmien ta' *multiplier*, wiehed ghandu jzomm quddiem ghajnejh il-probabilitajiet ta' kambjament fil-hajja ta' dak illi jkun. M'hemmx dubbju illi llum il-bniedem qed ighix aktar u l-eta` lavorattiva tieghu twalet.

F'dan il-kaz l-incident gara fit-18 ta' Jannar 1995 u fiz-zmien ta' l-incident l-attur kellu ga` 72 sena (*vide* Affidavit a fol. 12). Dan il-kaz huwa wiehed partikolari ghax sal-lum, 14-il sena wara l-incident, l-attur ghadu haj. Ghalhekk tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz u l-enuncjazzjonijiet gurisprudenzjali sudetti, l-esponenti jidhrilhom li ghandu jigi applikat ***multiplier*** **ulterjuri ta' 3 snin** ossia total ta' sbatax-il sena mid-data ta' l-incident.

**(iii) Grad ta' Dizabilita`**

Fl-apprezzament tad-dizabilita` permanenti riskontrata, l-esperti medici addizzjonali stabbilew rata ta' **hmistax fil-**

---

[26] L-indici ta' l-inflazzjoni fl-1996 kien ta' 549.95, mentri fis-sena 2008 kien ta' 743.05 – u dan skond l-iSkeda relattiva fil-**Kap. 158** tal-**Ligijiet ta' Malta**.

**mija (15%),** illi hija, *del resto,* konkordi mal-gudizzju ta' kull espert mediku inkarigat f'dina l-kawza, kemm mill-partijiet, u kif ukoll minn dina l-Onorabbli Qorti. Ghalhekk, l-esponenti illi ma jarawx ghaliex ghandhom jiddipartixxu mill-gudizzju ta' l-esperti teknici f'dan il-kaz, qieghdin jaddottaw dan il-percentwali ta' dizabilita` permanenti.

(iv) *Lump Sum Payment*

Il-kazistika stabbiliet illi, bhala sens ta' gustizzja, meta persuna jircievi somma ta' flus bhala kumpens ghat-telf ta' qliegh futur, billi dawn il-flus, il-persuna kienet (ghajr ghall-incident) ser tiggenerahom fuq medda ta' zmien, jekk dawn il-flus tirceviehom kollha f'daqqa, din tkun ser tgawdi mghaxijiet fuq is-somma kollha fi zmien illi, kieku ma sehhx l-incident, ma kienetx ser tgawdi. B'hekk hi prattika kostanti li minn tali somma jitnaqqas l-ammont ta' 20% bhala *lump sum deduction*.

Pero`, il-gurisprudenza f'dan ir-rigward ma waqfitx hemm u elaborat aktar fuq dan il-punt. Sabiex ikun hemm dan it-tnaqqis, dan il-kumpens irid jinghata relattivament ftit taz-zmien wara l-incident u jekk bejn id-data ta' l-incident u d-data tal-pagament effettiv, ighaddu diversi snin (il-kazistika tipponta lejn cirka 8 snin), dan it-tnaqqis m'ghandux isehh. L-incident fil-kaz in ezami gara fl-1995 u llum ga` qieghdin fl-2009 u kwindi meta tinghata s-sentenza ser ikunu ghaddew 14-il sena jew aktar mid-data ta' l-akkadut. Ghalhekk l-esponenti huma tal-fehma illi **m'ghandu jkun hemm l-ebda riduzzjoni** f'dan ir-rigward**.**

**(v) Kalkolu tal-*lucrum cessans***

Il-*lucrum cessans* ghandu allura jigi komputat kif gej: -

1. Dhul: Lm 30.44 x 52 = Lm 1582.88
2. *Multiplier* 17-il sena (x Lm 1582.88) = Lm 26,908.96
3. Dizabilita`: 15%

= Lm 4,036.34 ekwivalenti ghal €9,402.14

Stante illi l-konvenuta kkontribwiet, b'mod ugwali bhall-attur, ghall-akkadut hija ghandha taghmel tajjeb biss ghal nofs id-danni sofferti mill-attur kemm in linea ta' *damnum emergens* kif ukoll in linea ta' *lucrum cessans*.

## D. **KONKLUZJONI**

In vista ta' dak kollu fuq premess, l-esponenti jissottomettu bir-rispett, fil-konfront tat-talbiet attrici, illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha, filwaqt illi tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta bis in kwantu din hija inkonsistenti ma' dak hawn deciz : -

1. tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur in parte billi tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghall-incident illi sehh nhar it-18 ta' Jannar 1995 gewwa Valletta Road, Zurrieq u dan b'element ta' negligenza kontributorja mill-attur stess fl-agir tieghu, kif spjegat aktar 'il quddiem, b'dan illi z-zewg kontendenti kienu jahtu ugwalment ghall-akkadut;

2. tillikwida l-ammont ta' danni sofferti mill-attur **bhala rizultat ta' l-agir tal-konvenuta** fl-ammont ta' erba' mija u hames Euro u tmienja u hamsin centezmu (€405.58)[27] in linea ta' *damnum emergens* u s-somma ulterjuri ta' erbat elef seba' mija u Euro u seba' centezmi (€4701.07)[28] in linea ta' *lucrum cessans* – ghal total ghalhekk ta' hamest elef mija u sitt Euro u hamsa u sittin centezmu(€5,106.65) ;

3. tikkundanna kwindi lill-konvenuta sabiex thallas is-somma komplessiva hekk likwidata ta' hamest elef mija u sitt Euro u hamsa u sittin centezmu (€5,106.65).

Bl-interessi illi jibdew jiddekorru mid-data tas-Sentenza eventwali ta' dina l-Onorabbli Qorti, u bl-ispejjez illi jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

---

[27] Ga` ekwivalenti ghal Lm 174.12, nofs l-ammont ta' Lm 348.23 soffert mill-attur in linea ta' *damnum emergens*.

[28] Ga` ekwivalenti ghal Lm 2018.17, nofs l-ammont ta' Lm 4036.34 likwidat in linea ta' *lucrum cessans* favur l-attur.

Daqstant l-esponenti ghandhom l-unur jissottomettu ghall-attenzjoni aktar ghaqlija u superjuri ta' dina l-Onorabbli Qorti. »

**Ikkunsidrat :**

Illi wara li l-Qorti semgħet l-eskussjoni illi saret tar-rapport tal-periti legali addizzjonali u wara li semgħet ukoll it-trattazzjoni tal-kawza, ma tarax il-għaliex għandha tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet kollha illi waslu għalihom il-periti legali addizzjonali minnha maħtura u għaldaqstant qegħda taddotta r-relazzjoni tagħhom u tagħmilha bħala tagħha;

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha msemmija, il-Qorti qegħda taqta` u tiddeċiedi din il-kawza billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu dawn huma inkonsistenti ma' dak hawn deċiz ; tilqa` l-ewwel talba tal-attur in parti, billi tiddikjara illi l-konvenuta hija responsabbli għall-inċidenti illi seħħ fit-18 ta' Jannar 1995 ġewwa Valletta Road, Zurrieq u dan b'element ta' negliġenza kontributorja mill-attur stess bl-aġir tiegħu, b'dan illi ż-żewġ partijiet kienu jaħtu ugwaltment għall-akkadut;

Għalhekk il-Qorti qegħda tillikwida l-ammont ta' danni sofferti mill-attur bħala riżultat tal-aġir tal-konvenuta fl-ammont ta' erba` mija u ħames euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€405.58) in linea ta' *dannum emergens* u s-somma ulterjuri ta' erbat elef, seba` mija u euro u seba` ċenteżmi (€4,701.07) in linea ta' *lucrum cessans,* għal total ta' ħamest elef, mija u sitt euro u ħamsa u sittin ċentezmu (€5,106.65) ;

Għalhekk il-Qorti qegħda tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-attur is-somma komplessiva hekk likwidata ta' ħamest elef, mija u sitt euro u ħamsa u sittin ċentezmu (€5,106.65); Bl-imgħax bid-data ta' din is-sentenza u l-Qorti tordna li l-ispejjeż jiġu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------